MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2010

Numru 393/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**vs**
**Paul Zammit**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 641248 (M).

Akkuzat talli fis-7 ta' April 2010 ghall-habta ta' 22.40hrs gewwa il-Kazin Laburista li jinsab fi Triq il-Kbira Zabbar, hebb ghal Joseph Zammit, ID 311857 (M) u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr Nicola Caruana mill-Isptar Mater Dei

U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet f’liema amissjoni huwa baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidraha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Ikkonsidrat

L-ammissjoni ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet kontrieh migjuba jirreferu ghal offiza gravi u ksur tal-buon ordni u l-paci pubblika, din ta’ l-ahhar offiza kontravenzjonali, l-ammissjoni tieghu ghall-offizi riportati hija volontarja u inkundizzjonata.

Mill-atti jirrizulta li l-offiza gravi tikkonsisti fi ksur tas-sett nasal ital-parti leza.

Fil-konsiderazzjoni dwar il-piena, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi, senjatament l-istqarrija tieghu volontarjament rilaxxjata minnu u l-fedina penali minn fejn ghandu jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputat gie mixli u nstab hati b’reati simili.

Rat ghal hekk l-Artiklu 215, 216 (b), 338 (dd) u 17 tal-Kap 9. tiddeciedi li tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal erba’ snin bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9  u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tac-citat Kap ihallas lill-parti leza zmien mhux oltre sitt xhur mill-lum 300 Ewro.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------